SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

16 ta' Ottubru 2024*

"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Iran – Iffriżar ta' fondi – Lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-lista – Obbligu ta' motivazzjoni – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Proporzjonalità – Użu ħażin ta' poter"

Fil-Kawża T-201/23,

Communications Regulatory Authority (CRA), stabbilita f'Teheran (l-Iran), irrappreżentata minn T. Clay, T. Zahedi Vafa u K. Mehtiyeva, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn D. Laurent, P. Mahnič u S. Lejeune, bħala aġenti,

konvenut,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla),

komposta minn M. J. Costeira, Presidenta, M. Kancheva (Relatriċi) u M. U. Öberg, Imħallfin,

Reġistratur: V. Di Bucci,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara li rat l-assenza ta' talba għal seduta mressqa mill-partijiet fit-terminu ta' tliet ġimgħat min-notifika tal-għeluq tal-fażi tal-proċedura bil-miktub u wara li ddeċidiet, skont l-Artikolu 106(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li tagħti deċiżjoni mingħajr il-fażi orali tal-proċedura,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Communications Regulatory Authority (CRA), titlob l-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/152 tat-23 ta' Jannar 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran (ĠU 2023, L 20 I, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat"), sa fejn dan l-att jikkonċernaha.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti hija istituzzjoni governattiva affiljata mal-Ministeru Iranjan għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (iktar 'il quddiem il-"Ministeru għall-Komunikazzjoni"), irregolata u organizzata mil-liġi dwar il-funzjonijiet u s-setgħat tal-imsemmi ministeru kif ukoll mill-istatuti tagħha stess. Skont dawn tal-aħħar, ir-rikorrenti twettaq, b'mod partikolari, l-għanijiet stabbiliti mill-Ministeru għall-Komunikazzjoni fis-settur tal-komunikazzjoni bir-radju u teżerċita funzjonijiet u setgħat governattivi, eżekuttivi u ta' superviżjoni tal-imsemmi ministeru. L-attività prinċipali tar-rikorrenti hija r-regolament, il-ġestjoni u l-kontroll taż-żona ta' frekwenzi fl-Iran. B'mod iktar speċifiku, ir-rikorrenti hija responsabbli mill-ħruġ ta' liċenzji ta' użu ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni u mis-sorveljanza tal-prestazzjonijiet tad-detenturi tagħhom. Ir-rikorrenti teżerċita wkoll rwol leġiżlattiv billi tipproponi lill-awtoritajiet kompetenti regoli nazzjonali relatati mal-komunikazzjoni kif ukoll struzzjonijiet u regolamenti dwar il-konnessjoni reċiproka ta' networks ta' telekomunikazzjoni u informatiċi fir-rigward tas-sigurtà tal-konnessjonijiet. Ir-rikorrenti, teżerċita wkoll funzjonijiet ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-utenti tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni u ta' rappreżentazzjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran fl-assoċjazzjonijiet reġjonali u internazzjonali tas-settur tal-komunikazzjoni.

3 Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta konklużjonijiet li jindikaw li l-Unjoni Ewropea kellha tħassib kbir dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li kienet qiegħda tkompli tiddeterjora fl-Iran. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni għar-repressjoni sistematika li kienu suġġetti għaliha ċ-ċittadini Iranjani, li kienu ppersegwitati u arresti għaliex kienu qegħdin jeżerċitaw id-drittijiet leġittimi tagħhom ta' libertà tal-espressjoni u l-assemblea paċifika. Barra minn hekk, il-Kunsill iddikjara l-intenzjoni tal-Unjoni li tiġġieled kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq fl-Iran, b'mod partikolari billi tadotta malajr miżuri restrittivi kontra l-persuni li jiksru serjament dawn id-drittijiet.

4 Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran (ĠU 2011, L 100, p. 51, rettifika fil-ĠU 2012, L 347, p. 44), li tistabbilixxi sensiela ta' miżuri restrittivi li jirrigwardaw il-persuni responsabbli sabiex jordnaw jew jimplimentaw ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, u dawk kompliċi tagħhom.

5 Id-Deċiżjoni 2011/235 kienet implimentata mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran (ĠU 2011, L 100, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 56), adottat abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE.

6 L-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament Nru 359/2011 jipprovdi:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, jew li huma proprjetà tagħhom jew miżmuma jew kontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom isiru disponibbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, jew għall-benefiċċju tagħhom direttament jew indirettament."

7 B'konformità mal-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament Nru 359/2011, il-persuni li ġew irrikonoxxuti mill-Kunsill bħala li huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran kif ukoll il-persuni, entitajiet u korpi li huma assoċjati magħhom huma inklużi fil-lista kontenuta fl-Anness I. Din il-lista tindika r-raġunijiet tal-inklużjoni.

8 L-Artikolu 12(1) sa (3) tar-Regolament Nru 359/2011 jipprovdi:

"1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 2(1), huwa għandu jemenda l-Anness I kif adatt.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp […] u b'hekk […] jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat kif adatt."

9 Fis-16 ta' Settembru 2022, Mahsa Amini, Iranjana ta' 22 sena, mietet fl-isptar waqt id-detenzjoni tagħha mill-pulizija tal-moralità Iranjana. Protesti tal-massa segwew il-mewt tagħha u kienu repressi mill-awtoritajiet Iranjani.

10 Fil-25 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għamel dikjarazzjoni, f'isem l-Unjoni, li fiha kkundanna l-użu mifrux u sproporzjonat tal-forza kontra d-dimostranti mhux vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani. Huwa ddikjara wkoll li l-persuni responsabbli għall-mewt ta' M. Amini kellhom iwieġbu għall-azzjonijiet tagħhom u sejjaħ lill-awtoritajiet Iranjani jwettqu investigazzjonijiet trasparenti u kredibbli sabiex jiġi ċċarat l-għadd ta' persuni mejta u arrestati, jinħelsu d-dimostranti mhux vjolenti kollha u jiżguraw smigħ xieraq lid-detenuti kollha. Barra minn hekk, huwa enfasizza li d-deċiżjoni tal-Iran li jirrestrinġi b'mod aħrax l-aċċess għall-internet u li jibblokka pjattaformi ta' messaġġi istantanji kienet tikkostitwixxi ksur flagranti tal-libertà tal-espressjoni. Fl-aħħar nett, huwa indika li l-Unjoni kienet ser teżamina l-possibbiltajiet kollha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tirreaġixxi għall-qtil ta' M. Amini u l-mod li bih il-forzi tas-sigurtà Iranjani kienu wieġbu għall-protesti li segwew.

11 Fit-23 ta' Jannar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2023/153 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/235 (ĠU 2023, L 20 1, p. 23). Il-premessa 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2023/153 irreferiet għad-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin fit-termini riprodotti fil-punt 10 iktar 'il fuq. Il-premessa 3 ta' din l-istess deċiżjoni ppreċiżat li "[f]'dan il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza

l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, [kien] jenħtieġ li 18-il persuna u 19-il entità jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li [kienet] tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/235". L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2023/153 ippreveda li l-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235 kellu jiġi emendat b'konformità mal-Anness tagħha stess.

12 Fin-numru 15 tal-lista ta' entitajiet li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2023/153 kien inkluż, b'mod partikolari, isem ir-rikorrenti kif ukoll ir-raġunijiet tal-inklużjoni tagħha fit-termini li ġejjin:

"Il-Communications Regulatory Authority (CRA) taqa' taħt l-awtorità tal-Ministeru Iranjan għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT). Is-CRA tinforza r-rekwiżiti tal-gvern Iranjan għall-iffiltrar tal-kontenut tal-internet permezz ta' spjunaġġ imsejjaħ SIAM.

Matul il-protesti tal-2022, is-CRA użat il-kontroll tagħha tal-aċċess tal-internet u tal-mowbajls biex issegwi lid-dimostranti u toħloq stampa ddettaljata tal-attivitajiet tad-dissidenti u tad-dimostranti għall-awtoritajiet biex jużawha kif jixtiequ. Għalhekk, is-CRA hija responsabbli għall-appoġġ tar-repressjoni ta' dimostranti paċifiċi, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, studenti jew persuni oħrajn li jitkellmu favur id-difiża tad-drittijiet leġittimi tagħhom.

Għalhekk, is-CRA hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran."

13 Fl-istess ġurnata, il-Kunsill adotta r-Regolament ikkontestat abbażi tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 359/2011. Il-kliem tal-premessi 2 u 3 tar-Regolament ikkontestat huma identiċi għal dawk tal-premessi 2 u 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2023/153, bl-eċċezzjoni li jissemma l-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 minflok l-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235. L-Artikolu 1 tar-Regolament ikkontestat ippreveda li l-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 kien ġie emendat b'konformità mal-Anness tiegħu stess.

14 Fin-numru 15 tal-lista ta' entitajiet li jinsabu fl-Anness tar-Regolament ikkontestat kien inkluż, b'mod partikolari, isem ir-rikorrenti kif ukoll ir-raġunijiet ta' din l-inklużjoni f'termini identiċi għal dawk imsemmija fil-punt 12 iktar 'il fuq.

15 Fl-24 ta' Jannar 2023, il-Kunsill ippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* avviż għall-attenzjoni tal-persuni, entitajiet u korpi li għalihom kienu japplikaw il-miżuri previsti mid-Deċiżjoni 2011/235, implimentati mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2023/153, u mir-Regolament Nru 359/2011, implimentati mir-Regolament ikkontestat (ĠU 2023, C 25, p. 8).

16 Dan l-avviż ippreċiża, b'mod partikolari, li l-Kunsill kien iddeċieda li l-persuni u l-entitajiet inkwistjoni għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet li huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi previsti mid-Deċiżjoni 2011/235 u mir-Regolament Nru 359/2011 u li l-imsemmija persuni u entitajiet setgħu jressqulu talba għal eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni li permezz tagħha huma kienu ġew inklużi fil-listi msemmija iktar 'il fuq, flimkien ma' dokumenti ta' sostenn. Kull talba f'dan is-sens kellha tintbagħat qabel il-15 ta' Frar 2023 lill-kuntatti indikati f'dan l-istess avviż.

Talbiet tal-partijiet

17 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla r-Regolament ikkontestat, sa fejn dan jinkludi isimha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011.

18 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

19 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tqajjem erba' motivi. L-ewwel wieħed huwa bbażat, essenzjalment, fuq użu ħażin ta' poter, it-tieni fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, it-tielet, essenzjalment, fuq l-ineżattezza materjali tal-fatti u r-raba' fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

20 L-analiżi ta' dawn il-motivi turi li għandu jiġi eżaminat, fl-ewwel lok, it-tieni motiv, li jirrigwarda l-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fit-tieni lok, it-tielet motiv, li jirrigwarda żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti, fit-tielet lok, ir-raba' motiv, li jirrigwarda l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, u mbagħad, fir-raba' lok, l-ewwel motiv, li jirrigwarda użu ħażin ta' poter.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

21 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti targumenta li peress li l-Kunsill ma kkomunikax, fl-istess waqt tal-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat jew immedjatament wara din l-adozzjoni, l-informazzjoni jew il-provi li jsostnu r-raġunijiet ta' inklużjoni ta' isimha fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011, huwa ma wettaqx l-obbligu tiegħu li jistabbilixxi l-fondatezza tal-imsemmija raġunijiet u konsegwentement, kiser l-obbligu tiegħu ta' motivazzjoni.

22 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li l-motivazzjoni tar-Regolament ikkontestat, sa fejn jikkonċernaha, tikkonsisti f'motivazzjoni sterjotipika komposta minn tliet paragrafi qosra ta' ħmistax-il linja li jikkonsistu f'sommarju tas-suppożizzjonijiet magħmula mill-Kunsill minħabba n-natura pubblika tagħha. Tali motivazzjoni ma hijiex konformi mal-ġurisprudenza li tipprovdi li l-motivazzjoni ta' att għandha tippermetti, minn naħa, lill-persuna kkonċernata mill-att kontenzjuż tikkontesta l-validità tiegħu quddiem il-qorti b'għarfien sħiħ tal-fatti li hija akkużata li wettqet, u min-naħa l-oħra, lill-qorti teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha tal-att ikkontestat. Skont ir-rikorrenti, ir-rekwiżit ta' motivazzjoni ma jistax jiġi moderat bil-kuntest politiku li fih tiġi adottata miżura, u dan iktar u iktar meta li l-kuntestwalizzazzjoni ma tistax tippermetti lir-rikorrenti tifhem il-portata tal-miżuri restrittivi adottati fil-konfront tagħha, u b'mod korrelattiv, lill-qorti twettaq l-istħarriġ tal-miżura inkwistjoni. Għalhekk, il-Kunsill ma jistax jikser l-obbligu tiegħu ta' motivazzjoni billi "jinħeba" wara kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw l-interessi ta' sigurtà u ta' politika esterna.

23 Fit-tielet lok, fir-replika, ir-rikorrenti tikkontesta, abbażi tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, il-"Karta"), l-ammissibbiltà tad-dokument prodott mill-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali bħala prova insostenn tar-raġunijiet invokati sabiex jiġġustifikaw l-inklużjoni ta' isimha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011. Hija tikkontesta wkoll ir-rilevanza u s-saħħa probatorja tal-informazzjoni kontenuta fl-imsemmi dokument.

24 Il-Kunsill jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

25 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward ta' att li jikkawża preġudizzju, li jikkostitwixxi korollarju għall-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża, għandu l-għan, minn naħa, li jipprovdi lill-persuna kkonċernata indikazzjoni sufiċjenti dwar jekk l-att huwiex fondat jew jekk huwiex eventwalment ivvizzjat b'xi żball li jippermetti l-kontestazzjoni tal-validità tiegħu quddiem il-qorti tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li jippermetti lil din tal-aħħar li teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità ta' dak l-att (ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kunsill vs Bamba, C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Għandu jitfakkar ukoll li l-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE u mill-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għall-kuntest li fih ġie adottat. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tar-raġunijiet invokati u tal-interess li d-destinatarji jew persuni oħra direttament u individwalment ikkonċernati mill-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Il-motivazzjoni ma hijiex meħtieġa li tispeċifika l-elementi fattwali u legali rilevanti kollha, sa fejn is-sufiċjenza ta' motivazzjoni għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward tal-kliem tagħha, iżda wkoll fir-rigward tal-kuntest tagħha kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-kwistjoni kkonċernata (ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2020, Rosneft *et* vs Il-Kunsill, C-732/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:727, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza tas-27 ta' Lulju 2022, RT Franza vs Il-Kunsill, T-125/22, EU:T:2022:483, punt 103).

27 Għalhekk, minn naħa, att li jikkawża preġudizzju huwa sufiċjentement motivat meta jseħħ f'kuntest magħruf għall-persuna kkonċernata, li jippermettilha tifhem il-portata tal-miżura meħuda kontriha (ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2020, Rosneft *et* vs Il-Kunsill, C-732/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:727, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, il-grad ta' preċiżjoni tal-motivazzjoni ta' att għandu jkun proporzjonat mal-possibbiltajiet materjali u mal-kundizzjonijiet tekniċi jew ta' terminu ta' żmien li fihom għandu jseħħ (ara s-sentenza tas-27 ta' Lulju 2022, RT Franza vs Il-Kunsill, T-125/22, EU:T:2022:483, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Barra minn hekk, il-ġurisprudenza ppreċiżat li l-motivazzjoni ta' att tal-Kunsill li jimponi miżura restrittiva ma kellhiex biss tidentifika l-bażi legali ta' din il-miżura, iżda wkoll ir-raġunijiet speċifiċi u konkreti li għalihom il-Kunsill ikkunsidra, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ta' evalwazzjoni tiegħu, li l-persuna kkonċernata kellha tkun is-suġġett ta' tali miżura (ara s-sentenza tas-27 ta' Lulju 2022, RT Franza vs Il-Kunsill, T-125/22, EU:T:2022:483, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni ta' att jikkostitwixxi formalità sostanzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tar-raġunijiet, li taqa' taħt il-legalità tal-mertu tal-att kontenzjuż. Fil-fatt, il-motivazzjoni ta' att tikkonsisti fl-espressjoni formali tar-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat dan l-att. Jekk dawn ir-raġunijiet huma vvizzjati bi żbalji, dawn jivvizzjaw il-legalità tal-mertu tal-imsemmi att, iżda mhux il-motivazzjoni tiegħu, li

tista' tkun suffiċjenti minkejja li tesprimi raġunijiet żbaljati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2013, Makhlouf vs Il-Kunsill, T-383/11, EU:T:2013:431, punti 73 u 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, fir-rigward tal-kuntest li fih isem ir-rikorrenti kien inkluż fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011, għandu jiġi rrilevat li, kif ġustament jenfasizza l-Kunsill, il-premessa 2 tar-Regolament ikkontestat irreferiet għad-dikjarazzjoni magħmula fil-25 ta' Settembru 2022 mir-Rappreżetant Għoli tal-Unjoni tal-Unjoni li t-termini tagħha huma mfakkra fil-punt 10 iktar 'il fuq.

31 Barra minn hekk, kif inhu indikat fil-punt 11 iktar 'il fuq, il-premessa 3 tar-Regolament ikkontestat tippreċiża li huwa l-kuntest imfakkar fil-punt 10 iktar 'il fuq u l-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib marbuta mal-Iran, inkluż is-sitwazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, li ispiraw, b'mod partikolari, l-inklużjoni ta' dsatax-il entità, fosthom ir-rikorrenti, fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li huma suġġetti għal miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011.

32 B'mod partikolari, ir-raġunijiet li għalihom isem ir-rikorrenti kien inkluż fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 kienu elenkati fl-Anness tar-Regolament ikkontestat fit-termini mfakkra fil-punt 12 iktar 'il fuq.

33 Bilfors għandu jiġi kkonstatat li tali raġunijiet, moqrija fid-dawl tal-elementi tal-kuntest imfakkra fil-premessi 2 u 3 tar-Regolament ikkontestat, kienu jesponu b'mod suffiċjentement speċifiku u konkret ir-raġunijiet li għalihom il-Kunsill qies, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ta' evalwazzjoni tiegħu, li r-rikorrenti kellha tkun is-suġġett ta' miżura restrittiva.

34 Fil-fatt, mill-motivazzjoni tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li r-rikorrenti kienet ikkunsidrata responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran talli implimentat ir-rekwiżiti tal-Gvern Iranjan fir-rigward tal-iffiltrar tal-kontenut tal-internet permezz ta' software ta' spjunaġġ imsejjaħ SIAM, u b'mod partikolari, użat, matul il-protesti tal-2022 li segwew il-mewt ta' M. Amini, il-kontroll tagħha tal-aċċess għall-internet u fuq it-telefons ċellulari biex issegwi lid-dimostranti u toħloq stampa ddettaljata tal-attivitajiet tad-dissidenti u tad-dimostranti, li l-awtoritajiet użaw kif xtaqu, u appoġġjat b'hekk ir-repressjoni eżerċitata mill-imsemmija awtoritajiet kontra d-dimostranti li kienu qegħdin jitkellmu favur id-difiża tad-drittijiet leġittimi tagħhom.

35 Barra minn hekk, għandu jiġi eskluż l-argument tar-rikorrenti li jsostni li l-Kunsill naqas mill-obbligu tiegħu ta' motivazzjoni peress li ma bagħtilhiex fl-istess waqt tal-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat jew immedjatament wara din l-adozzjoni, il-provi li fuqhom kienu bbażati r-raġunijiet invokati sabiex jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011, u għalhekk, ma stabbilixxiex il-fondatezza tal-imsemmija raġunijiet.

36 Fil-fatt, minn naħa, peress li permezz ta' dan l-argument, ir-rikorrenti trid targumenta li l-Kunsill ma pproduċiex il-prova tal-fondatezza tar-raġunijiet invokati fir-Regolament ikkontestat sabiex jiġġustifika l-inklużjoni tagħha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011, għandu jiġi rrilevat li, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 29 iktar 'il fuq, din il-kwistjoni għandha tiġi distinta minn dik tal-motivazzjoni tar-Regolament ikkontestat, li tirrigwarda l-legalità esterna tal-imsemmi regolament.

37 Min-naħa l-oħra, peress li permezz ta' dan l-istess argument, ir-rikorrenti trid issostnia li l-Kunsill kiser id-drittijiet tad-difiża tagħha sa fejn huwa kellu jipprovdilha *ex officio* aċċess għall-elementi tal-fajl tagħha, għandu jiġi rrilevat li r-Regolament ikkontestat ġie nnotifikat lir-rikorrenti permezz ta' avviż pubbliku fil-Ġurnal Uffiċjali fl-24 ta' Jannar 2023 li kien stieden lill-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jressqu talba għal eżami mill-ġdid lill-Kunsill qabel il-15 ta' Frar 2023 u li r-rikorrenti ma ressqitx tali talba, u lanqas talba lill-Kunsill għall-aċċess għall-fajl tagħha lil hinn minn din il-proċedura.

38 Madankollu, fir-rigward ta' inklużjoni inizjali f'lista ta' persuni u ta' entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi, għandu jitfakkar li ladarba tkun ġiet ikkomunikata informazzjoni preċiża biżżejjed, li permezz tagħha l-entità kkonċernata setgħet tesprimi b'mod utli l-opinjoni tagħha dwar l-elementi inkriminanti kkunsidrati fil-konfront tagħha mill-Kunsill, il-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża ma jimplikax li dan tal-aħħar huwa obbligat jagħti, b'mod spontanju, aċċess għad-dokumenti li jinsabu fil-fajl tiegħu. Huwa biss meta ssir talba mill-parti kkonċernata li l-Kunsill huwa obbligat jagħti aċċess għad-dokumenti amministrattivi mhux kunfidenzjali kollha li jkunu jikkonċernaw il-miżura inkwistjoni. Il-komunikazzjoni spontanja tal-elementi ta' fajl effettivament tikkostitwixxi rekwiżit eċċessiv peress li ma jkunx ċert fil-mument tal-adozzjoni ta' miżura ta' ffriżar ta' fondi li l-entità kkonċernata jkollha l-intenzjoni tivverifika, permezz tal-aċċess għall-fajl, l-elementi ta' fatt li fuqhom ikunu bbażati l-allegazzjonijiet sostnuti kontriha mill-Kunsill (sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, T-390/08, EU:T:2009:401, punt 97, u tas-16 ta' Settembru 2013, Bank Kargoshaei *et* vs Il-Kunsill, T-8/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:470, punt 68).

39 F'dan il-każ, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, permezz tal-motivazzjoni tar-Regolament ikkontestat, ir-rikorrenti kellha informazzjoni suffiċjentement preċiża sabiex tippermettilha tesprimi l-opinjoni tagħha dwar l-elementi sostnuti kontriha mill-Kunsill. Għalhekk, dan tal-aħħar ma kienx marbut jikkomunika *ex officio* lir-rikorrenti l-elementi li kienu jinsabu fil-fajl tagħha.

40 Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-argumenti tar-rikorrenti li jirrigwardaw l-ammissibbiltà tad-dokument prodott fl-Anness B.11 u n-natura probatorja tal-informazzjoni li huwa jinkludi jirrigwardaw il-fondatezza tar-raġunijiet invokati sabiex jiġġustifikaw l-inklużjoni ta' isimha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 u għalhekk ma humiex rilevanti insostenn tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Għalhekk, dawn l-argumenti ser ikunu eżaminati flimkien mal-argumenti simili ppreżentati mir-rikorrenti fil-kuntest tat-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

41 Konsegwentement, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq l-ineżattezza materjali tal-fatti

42 Ir-rikorrenti ssostni li r-Regolament ikkontestat huwa, għal dak li jikkonċernaha, ivvizzjat bi "żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti" peress li, minn naħa, hija ma għandhiex il-kapaċità ġuridika li twettaq il-fatti allegati kontriha mill-Kunsill, u min-naħa l-oħra, hija lanqas għandha l-kapaċitajiet tekniċi sabiex issegwi u toħloq "stampa ddettaljata" tal-attivitajiet tad-dimostranti.

43 Għalhekk, l-ewwel nett, ir-rikorrenti targumenta li l-istatuti tagħha ma jawtorizzawhiex twettaq sorveljanza ta' massa tal-popolazzjoni u ferm inqas "issegwi" id-dimostranti. B'konformità mal-istatuti tagħha, ir-rikorrenti għandha rwol ta' regolatriċi, ta' moderatriċi jew anki ta' rappreżentanta tal-Iran. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tenfasizza li anki kieku riedet twettaq

filtraġġ, hija ma setgħetx għax tali prattika hija irregolata minn qafas regolatorju. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li jargumenta l-Kunsill, fl-Iran, il-ġbir ta' data huwa rregolat permezz ta' numru ta' testi ġuridiċi, b'mod partikolari l-Artikolu 25 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 582 tal-Kodiċi Kriminali Iranjan, ikkompletat bil-"Liġi dwar ir-Reati Ċibernetiċi" tas-26 ta' Mejju 2009, u l-Artikoli 104 u 150 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali Iranjan. Dan il-qafas leġiżlattiv huwa konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Jannar 1995 dwar l-interċettazzjoni legali tat-telekomunikazzjonijiet (ĠU 1996, C 329, p. 1). Barra minn hekk, minn żewġ rapporti redatti minn kumpannija ta' telekomunikazzjonijiet jirriżulta li, għall-kuntrarju ta' dak li kien allegat mill-Kunsill, it-talbiet tar-rikorrenti ma jmorrux lil hinn mir-rekwiżiti tradizzjonali fil-qasam tal-interċettazzjoni legali.

44 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li għandha ssir distinzjoni bejn is-sorveljanza ta' massa u s-sorveljanza individwali ta' persuni. Skont ir-rikorrenti, is-sorveljanza ta' massa tista' tkun neċessarja f'kull soċjetà sabiex tinżamm il-paċi u l-ordni pubbliku, b'mod partikolari, bis-sorveljanza tal-fluss ta' persuni u l-massa li tinġabar. Dan jippermetti l-prevenzjoni, waqt protesti pubbliċi, ta' kwalunkwe eċċess marbut mal-folol. Kull Stat sovran għandu din is-setgħa ta' sorveljanza u ksur tad-drittijiet umani individwali ma jistax ikun konsegwenza tal-eżerċizzju ta' din is-setgħa. Din is-setgħa ta' sorveljanza tikkostitwixxi prerogattiva tal-awtorità pubblika rrikonoxxuta b'mod partikolari mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

45 It-tieni nett, skont ir-rikorrenti, is-software li hija tuża, imsejjaħ "SIAM" jew "Samaneh yekparche Estehlamate Mokhaberati" bil-Farsi, ma għandux funzjonijiet li jippermettu s-sorveljanza massiva jew individwali tad-dimostranti fit-territorju Iranjan.

46 Ir-rikorrenti ssostni li s-software SIAM huwa Application Programming Interface (API) Gateway, jiġifieri dispożittiv li għandu rwol ta' pont u li jippermetti lil klijent estern għal entità juża APIs interni u s-servizzi tagħha. Fl-Iran, in-Nofs Qamar l-Aħmar (Red Crescent), l-ambulanzi, il-pumpieri u l-organizzazzjonijiet marbuta mat-toroq u l-ġestjoni ta' kriżi jużaw dan is-software. Għalhekk, skont ir-rikorrenti, is-software SIAM jintuża miċ-ċentri telefoniċi, b'mod partikolari meta dawn jintalbu mis-servizzi ta' emerġenza. Iċ-ċentri telefoniċi jużaw dan is-software sabiex jaslu għand l-operaturi tat-telefonija ċellulari li mbagħad jipprovdu lokalizzazzjoni sempliċement approssimattiva tal-persuna li tinsab f'sitwazzjoni ta' riskju.

47 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tenfasizza li hija ma tistax tikkomunika direttament lill-awtoritajiet tal-pulizija u lill-awtoritajiet ġudizzjarji informazzjoni dwar l-utenti ta' servizzi ta' komunikazzjoni għaliex din l-informazzjoni tinżamm mill-operaturi li għandhom liċenzja ta' użu tan-network.

48 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tikkontesta l-argumenti mressqa mill-Kunsill fir-risposta tiegħu dwar l-allegati "komponenti funzjonali" tas-sistema ta' interċettazzjoni tal-Iran.

49 Għalhekk, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill jiżbalja dwar il-funzjonalitajiet tas-software SIAM, "Force2GNumber", "LocationCustomerList", "GetCDR", "GetIPDR" u "ApplySusplp", li għalihom jirreferi fir-risposta tiegħu. Ir-rikorrenti tispjega li d-deskrizzjoni ta' dawn il-funzjonijiet mill-Kunsill, li hija bbażata biss fuq l-artiklu tal-ġurnal ta' investigazzjoni online *The Intercept*, ma tikkorrispondix għar-realtà. Skont ir-rikorrenti, dawn huma l-kmandi klassiċi u ordinarji għad-dispożizzjoni ta' korp regolatorju tat-telekomunikazzjonijiet ta' Stat u l-Istati Membri kollha tal-Unjoni għandhom għodod simili. L-istess japplika għal dak li jirrigwarda s-sistemi "Legal Intercept" (LI), "Control Illegal Devices" (CID), "SHAHKAR" u "SHAMSA".

50 Barra minn hekk, fir-replika, ir-rikorrenti tikkontesta l-ammissibbiltà tal-artiklu intitolat "Hacked documents: How Iran track and control protesters phones", ippubblikat fit-28 ta' Ottubru 2022 minn *The Intercept*, prodott mill-Kunsill fl-Anness B.11 (iktar 'il quddiem l-"artiklu ta' *The Intercept*"). Skont ir-rikorrenti, il-fatti allegati f'dan l-artiklu huma bbażati fuq sensiela ta' dokumenti interni ta' operatur ċellulari Iranjan li ma kinux prodotti fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Kunsill sempliċement jiddikjara li l-awturi ta' dan l-artiklu kellhom aċċess għal dokumenti li kienu kkomunikati lilhom "minn persuna [li tallega] li wettqet piraterija ta' operatur ċellulari Iranjan". Għalhekk, dan l-artiklu li jikkostitwixxi d-dokument ewlieni tal-fajl tal-Kunsill huwa biss diċerija. B'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta kif ukoll mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, id-depożizzjonijiet ta' xhieda li mbagħad ikunu assenti fis-seduta li ma jistgħux jiġu eżaminati mill-parti l-oħra, huma bħala prinċipju, ipprojbiti, ħlief jekk l-akkuża tiġġustifika suffiċjentement il-bżonn tal-użu tax-xhieda tagħhom u jekk l-akkużat jingħata garanziji proċedurali oħra, kif ukoll l-eżistenza ta' provi oħra tal-prosekuzzjoni kontrih. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll fis-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2022, HYA *et* (Impossibbiltà ta' smigħ tax-xhieda tal-prosekuzzjoni) (C-348/21, EU:C:2022:965), li fil-każ ta' impossibbiltà ta' smigħ tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, is-saħħa probatorja tax-xhieda tagħhom għandha tkun relattiva anki jekk tali xhieda hija ammissibbli.

51 Minn dan isegwi li, billi bbaża r-Regolament ikkontestat fuq l-allegati dikjarazzjonijiet ta' persuna mhux magħrufa, il-Kunsill aġixxxa bi ksur tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, li jimponi li din l-offerta ta' prova għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

52 Ir-rikorrenti ssostni wkoll fir-replika tagħha li, abbażi tal-prinċipju ta' kontradittorju, il-qorti tista' tieħu inkunsiderazzjoni biss l-atti tal-proċedura u d-dokumenti li l-partijiet seta' jkollhom għarfien tagħhom u li dwarhom setgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom. Madankollu, il-Kunsill stess irrikonoxxa li l-operatur ċellulari Iranjan iċċitat fl-artiklu ta' *The Intercept* ma weġibx għat-talba tal-ġurnalisti sabiex jikkummenta.

53 Il-Kunsill jikkontesta l-argument tar-rikorrenti.

54 Għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tat-tielet motiv, ir-rikorrenti tikkontesta l-fondatezza tar-raġunijiet invokati sabiex tiġi ġġustifikata l-inklużjoni tagħha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011. Fil-fatt, hija ssostni li hija la għandha l-kapaċità legali u lanqas il-kapaċità teknika li twettaq l-attivitajiet allegati kontriha.

55 Madankollu, għandu jiġi rrilevat ukoll li kif jirriżulta mill-punt 23 iktar 'il fuq, fil-kuntest tat-tieni motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill kiser l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, u qaleb l-oneru tal-prova, billi bbaża l-evalwazzjoni tiegħu fuq l-artiklu ta' *The Intercept*, peress li, fl-assenza ta' produzzjoni tad-dokumenti msemmija f'din il-pubblikazzjoni fil-proċess ta' din il-proċedura, il-fatti u kummenti msemmija f'dan l-artiklu jikkostitwixxu biss allegazzjonijiet li fir-rigward tagħhom ir-rikorrenti hija mċaħħda mill-possibbiltà li teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha. Ir-rikorrenti ssostni wkoll fir-replika li l-assenza ta' prova pprodotta fil-proċess fil-kuntest ta' din il-proċedura tippreġudika l-osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju previst fl-Artikolu 85(1) tar-Regoli tal-Proċeduri tal-Qorti Ġenerali. Ir-rikorrenti tenfasizza, barra minn hekk, l-assenza ta' valur probatorju ta' tali pubblikazzjoni.

56 Għandhom jiġu eżaminati wkoll l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-ksur tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta kif ukoll fuq il-ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju qabel jiġu eżaminati dawk li jirrigwardaw il-valur probatorju tal-artiklu ta' *The Intercept*, u mbagħad l-argumenti relatati ma' "żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti".

Fuq il-ksur tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta u tal-prinċipju ta' kontradittorju

57 Qabelxejn, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li l-artiklu ta' *The Intercept* prodott mill-Kunsill fl-Anness B.11 tar-risposta għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli għar-raġuni, essenzjalment, li ma huwiex possibbli li hija tiddefendi ruħha kontra sempliċi allegazzjonijiet, li jippreġudika d-drittijiet tad-difiża tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali.

58 Għandu jiġi rrilevat li l-kwistjoni tal-ammissibbiltà tal-offerti ta' prova quddiem il-Qorti Ġenerali, li hija rregolata mill-Artikolu 85 tar-Regoli tal-Proċedura, għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-evalwazzjoni tal-provi mill-qorti tal-Unjoni.

59 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, waqt l-istħarriġ ta' miżuri restrittivi, il-qrati tal-Unjoni għandhom jiżguraw stħarriġ, bħala prinċipju komplet, tal-legalità tal-atti kollha tal-Unjoni fir-rigward tad-drittijiet fundamentali li jagħmlu parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 97; tat-28 ta' Novembru 2013 Il-Kunsill vs Fulmen u Mahmoudian, C-280/12 P, EU:C:2013:775, punt 58; u tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 106).

60 Fost dawn id-drittijiet fundamentali tidher, b'mod partikolari, l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (ara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Fulmen u Mahmoudian, C-280/12 P, EU:C:2013:775, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 66).

61 L-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta teħtieġ li, bħala parti mill-istħarriġ tal-legalità tar-raġunijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni li jiġi inkluż jew li jinżamm l-isem ta' persuna jew ta' entità suġġetta għal miżuri restrittivi, il-qorti tal-Unjoni tiżgura li din id-deċiżjoni, li għandha portata individwali għal din il-persuna jew din l-entità, tistrieħ fuq bażi fattwali solida biżżejjed. Dan jimplika verifika tal-fatti allegati fis-sunt tar-raġunijiet li hija l-bażi tal-imsemmija deċiżjoni, b'mod li l-istħarriġ ġudizzjarju ma jkunx limitat għall-evalwazzjoni tal-astratt verosimili tal-motivi invokati, iżda jirrigwarda l-kwistjoni jekk dawn il-motivi, jew tal-inqas, wieħed minnhom ikkunsidrat bħala suffiċjenti minnu nnifsu sabiex isostni l-imsemmija atti, humiex sostnuti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 119; tat-18 ta' Ġunju 2015, Ipatau vs Il-Kunsill, C-535/14 P, EU:C:2015:407, punt 42; u tat-18 ta' Frar 2016, Il-Kunsill vs Bank Mellat, C-176/13 P, EU:C:2016:96, punt 109).

62 F'dan il-kuntest, hija fil-fatt l-awtorità kompetenti tal-Unjoni li għandha, f'każ ta' kontestazzjoni, tistabbilixxi l-fondatezza tal-motivi meqjusa kontra l-persuna jew l-entità kkonċernata, u mhux dawn tal-aħħar li jipproduċu l-prova negattiva tal-assenza ta' fondatezza tal-imsemmija motivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 121).

63 Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, minn dan ma jirriżultax li l-allegata inkapaċità tal-Kunsill li jipprovdi l-prova li r-raġunijiet invokati sabiex jiġġustifika l-inklużjoni tar-rikorrenti fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011, preżunt li tiġi pprovata, tippreġudika d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti.

64 Fil-fatt, bħalma jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 61 iktar 'il fuq, huwa l-kuntrarju, peress li l-preservazzjoni tal-effettività tal-Artikolu 47 tal-Karta teħtieġ li l-qorti tal-Unjoni għandha tivverifika, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità ta' miżuri restrittivi, il-fondatezza tar-raġunijiet wara dawn il-miżuri, u għalhekk, il-valur probatorju tad-dokumenti prodotti, f'dan il-każ, mill-Kunsill.

65 Sussegwentement, għandhom jiġu miċħuda bħala irrilevanti f'dan il-każ, il-kunsiderazzjonijiet, invokati mir-rikorrenti, esposti fis-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2022, HYA *et* (Impossibbiltà ta' smigħ tax-xhieda tal-prosekuzzjoni) (C-348/21, EU:C:2022:965), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet mistoqsija dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2016/343 tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1), kif ukoll tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

66 Għandu jitfakkar li l-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, stabbilit fl-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fl-Artikolu 48(1) tal-Karta, jikkostitwixxi dritt fundamentali li jagħti lill-individwi jew lill-entitajiet immexxija minn individwi drittijiet li l-qorti tal-Unjoni għandha tiżgura r-rispett tagħhom (ara s-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Makhlouf vs Il-Kunsill, T-410/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:349, punt 122 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, li jeħtieġ li kull persuna akkużata b'reat tkun preżunta innoċenti sakemm il-ħtija tagħha tkun ġiet legalment stabbilita, ma jipprekludix l-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji ta' ffriżar ta' fondi, peress li dawn ma għandhomx l-għan li jibdew proċeduri kriminali kontra l-persuna jew l-entità kkonċernata. Madankollu, tali miżuri għandhom, b'kunsiderazzjoni tal-gravità tagħhom, jiġu previsti mil-liġi, jiġu adottati minn awtorità kompetenti u jkunu ta' natura temporanja. Mill-punt 13 iktar 'il fuq, jirriżulta li dawn l-ewwel żewġ kriterji huma ssodisfatti. Barra minn hekk, fir-rigward tan-natura temporanja, għandu jiġi kkonstatat li, b'konformità mal-Artikolu 12(3) u (4) tar-Regolament Nru 359/2011, l-Anness I ta' dan l-istess regolament huwa eżaminat f'intervalli regolari u tal-inqas kull tnax-il xahar, u l-inklużjoni ta' persuna jew entità fl-imsemmi anness tista' tkun estiża jew emendata, jekk ikun il-każ. Għalhekk, il-miżuri imposti lir-rikorrenti huma, fil-fatt, ta' natura temporanja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Makhlouf vs Il-Kunsill, T-410/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:349, punt 123 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-miżuri restrittivi inkwistjoni ma jwasslux għal konfiska tal-assi tar-rikorrenti bħala konsegwenza ta' reat, iżda għal iffriżar ta' fondi b'mod kawtelatorju. Għalhekk, dawn il-miżuri ma jikkostitwixxux sanzjoni u barra minn hekk ma jimplikaw ebda akkuża ta' din in-natura (ara s-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Makhlouf vs Il-Kunsill, T-410/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:349, punt 124 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Fil-fatt, ir-Regolament ikkontestat, għal dak li jirrigwarda r-rikorrenti, ma jikkostitwixxix konstatazzjoni fattwali li effettivament twettaq ksur, iżda kien adottat fil-kuntest u għall-finijiet ta' proċedura ta' natura amministrattiva li għandha funzjoni kawtelatorja u li l-uniku għan tagħha

huwa li tippermetti lill-Kunsill jiżgura l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Makhlouf vs Il-Kunsill, T-410/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:349, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Fl-aħħar nett, għandu jiġi miċħud ukoll l-argument tar-rikorrenti li, fl-assenza ta' produzzjoni fil-proċess ta' din il-kawża tad-dokumenti li jissemmew fl-artiklu ta' *The Intercept*, dan l-artiklu għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli għar-raġuni li, skont il-prinċipju ta' kontradittorju, il-qorti tista' tieħu inkunsiderazzjoni biss l-atti tal-proċedura u d-dokumenti li l-partijiet seta' jkollhom għarfien tagħhom u li dwarhom huma setgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom. Fil-fatt, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat f'dan ir-rigward, li r-rikorrenti kellha l-okkażjoni tieħu pożizzjoni fir-replika tagħha dwar il-provi prodotti mill-Kunsill fl-Anness B.11, b'mod partikolari dwar dan l-artiklu, li barra minn hekk hija tikkontesta l-valur probatorju tiegħu.

71 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li ż-żewġ manwali ta' użu tas-software SIAM redatti, l-ewwel wieħed, bil-Farsi, u t-tieni wieħed bl-Ingliż, kienu konsultabbli direttament mill-artiklu ta' *The Intercept* permezz ta' hyperlink li jinsab fil-paġna 3 tal-fajl WK 307/2023 INIT prodott mill-Kunsill fl-Anness B.11 tar-risposta.

72 Għalhekk, l-ilmenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-ksur tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta u tal-prinċipju ta' kontradittorju, għandhom jiġu miċħuda.

Fuq il-valur probatorju tal-artiklu ta' The Intercept

73 Ir-rikorrenti tilmenta li l-artiklu ta' *The Intercept* huwa sempliċi pubblikazzjoni ġurnalistika li tinkludi biss allegazzjonijiet li ma jistgħux jiġu vverifikati, u għalhekk, huwa nieqes minn kull saħħa probatorja.

74 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, b'konformità ma' ġurisprudenza stabbilita, l-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali hija rregolata mill-prinċipju ta' evalwazzjoni libera tal-provi u l-uniku kriterju għall-evalwazzjoni tal-valur tal-provi pprodotti jinstab fil-kredibbiltà tagħhom. Barra minn hekk, sabiex jiġi evalwat il-valur probatorju ta' dokument, għandu jiġi vverifikat jekk l-informazzjoni inkluża fih hijiex verosimili u għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-oriġini tad-dokument, iċ-ċirkustanzi li fihom tħejja, id-destinatarju tiegħu, u jekk, abbażi tal-kontenut tiegħu, jidhirx li huwa raġonevoli u affidabbli (ara s-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Kaddour vs Il-Kunsill, T-461/16, EU:T:2018:316, punt 107 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Fl-assenza ta' setgħat investigattivi f'pajjiżi terzi, l-evalwazzjoni tal-awtoritajiet tal-Unjoni għandha, fil-fatt, tkun ibbażata fuq sorsi ta' informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku, rapporti, stqarrijiet tal-istampa, rapporti tas-servizzi sigrieti jew sorsi ta' informazzjoni simili oħrajn (sentenzi tal-14 ta' Marzu 2018, Kim *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-533/15 u T-264/16, EU:T:2018:138, punt 107, u tal-1 ta' Ġunju 2022, Prigozhin vs Il-Kunsill, T-723/20, mhux ippubblikata, EU:T:2022:317, punt 59).

76 Fil-fatt, huwa eċċessiv u sproporzjonat li l-Kunsill ikun meħtieġ li huwa stess iwettaq investigazzjonijiet fit-territorju fir-rigward tal-veraċità tal-fatti li huma rrapportati minn media diversa (sentenza tal-25 ta' Jannar 2017, Almaz-Antey Air and Space Defence vs Il-Kunsill, T-255/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:25, punt 148).

77 Għalhekk, stqarrijiet tal-istampa jistgħu jintużaw sabiex jikkorroboraw l-eżistenza ta' ċerti fatti meta dawn joħorġu minn diversi sorsi differenti u jkunu suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti fir-rigward tal-fatti deskritti fihom (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2019, Topor-Gilka u WO Technopromexport vs Il-Kunsill, T-721/17 u T-722/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:579, punt 137 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 F'dan il-każ, il-Kunsill ibbaża l-inklużjoni tar-rikorrenti fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 fuq erba' dokumenti tal-fajl WK 307/2023 INIT li jinsabu fl-Anness B.11 tar-risposta.

79 Dawn huma, l-ewwel nett l-artiklu ta' *The Intercept*; it-tieni nett, l-artiklu intitolat "Hacker Leaks Manuals Showing How Iran Uses Mobile Networks to Track Protesters", ippubblikat fil-31 ta' Ottubru 2022 mis-sit internet speċjalizzat Commrisk; it-tielet nett, l-artiklu intitolat "Iran: New tactics for digital repression as protests continue", ippubblikat fis-17 ta' Novembru 2022 fis-sit internet tal-assoċjazzjoni ARTICLE 19; u r-raba' nett, l-artiklu intitolat "Iran is using spyware to track citizens attending protests", ippubblikat mill-ġurnal investigattiv online *The Tech Monitor* fit-3 ta' Novembru 2022.

80 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill ibbaża r-Regolament ikkontestat sa fejn jikkonċernaha sempliċement fuq l-allegazzjonijiet li jinsabu fl-artiklu ta' *The Intercept*, huma stess ibbażati fuq dak li ntqal minn persuni anonimi.

81 Għandu jiġi osservat li l-artiklu ta' *The Intercept* jiżvela li, abbażi ta' dokumenti interni ta' operatur ċellulari Iranjan, b'mod partikolari, skambji ta' messaġġi elettroniċi li jinvolvu lid-diriġenti tar-rikorrenti u żewġ manwali, wieħed bl-Ingliż u l-ieħor bil-Farsi, ta' użu ta' software msejjaħ SIAM, l-awturi ta' dan l-artiklu skoprew kif l-awtoritajiet Iranjani, permezz tar-rikorrenti, kienu stabbilixxew sistema li topera fl-isfond tan-networks ċellulari Iranjani li tippermetti lill-Gvern Iranjan jevita s-sistema ta' encryption tat-telefonati, isegwi ċ-ċaqliq ta' utent ta' telefon, jidentifika t-telefons kollha li jinsabu f'post partikolari, janalizza l-kuntatti kollha ta' utent ta' telefon u jinterrompi jew inaqqas il-konnessjoni tal-internet tal-utent u li din kienet użata sabiex titrażżan u tiġi kkontrolla l-popolazzjoni Iranjana wara l-mewt ta' M. Amini fl-2022. Dan l-artiklu jispjega wkoll li l-manwal ta' użu tas-software SIAM redatt bl-Ingliż jippreċiża li, "[s]kont ir-regoli u r-regolamenti tar-[rikorrenti], l-operaturi kollha tat-telekomunikazzjonijiet għandhom jipprovdu [lilha] aċċess dirett għas-sistema tagħhom sabiex tanalizza (sic) l-informazzjoni tal-klijenti u temenda s-servizzi tagħhom permezz tas-servizz internet", u barra minn hekk, jinkludi informazzjoni teknika dwar il-kmandi l-iktar b'saħħithom użati mis-software SIAM sabiex tinġabar data dwar l-utenti direttament mingħand l-operaturi ċellulari Iranjani.

82 Għandu jiġi osservat ukoll li l-awturi tal-artiklu ta' *The Intercept* ħadu ħsieb jagħmlu domandi lil żewġ persuni ppreżentati bħala esperti.

83 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, l-ewwel persuna ppreżentata bħala espert ma hijiex "xi persuna li ħadd ma jaf u li donnha ma għandha ebda leġittimità partikolari". Fil-fatt, mill-proċess jirriżulta li din l-ewwel persuna hija riċerkatur f'CitizenLab Canada, laboratorju interdixxiplinari bbażat fl-Università ta' Toronto (il-Kanada) speċjalizzat fir-"riċerka, l-iżvilupp, il-politika strateġika ta' livell għoli u l-impenn ġuridiku għall-intersezzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà mondjali", u li huwa kien diġà ppreżentat bħala tali f'artiklu ppubblikat fl-1 ta' Frar 2022 mill-ġurnal magħruf *The Guardian*.

84 Bl-istess mod, mill-proċess jirriżulta li t-tieni persuna ppreżentata bħala espert fl-artiklu ta' *The Intercept* tippreżenta ruħha u kienet ippreżentata diversi drabi mill-aġenzija tal-istampa internazzjonali Reuters bħala d-direttur tad-drittijiet diġitali u s-sigurtà fil-grupp MIAAN, organizzazzjoni bbażata f'Texas (l-Istati Uniti) li "tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem fl-Iran". Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, is-sempliċi fatt li huwa "magħruf li [dan huwa] personaġġ pubbliku impenjat bil-miftuħ u mingħajr riservi kontra l-Gvern Iranjan" ma jistax jagħmel neċessarjament id-dikjarazzjonijiet tiegħu irrilevanti, għar-raġuni li ma huwiex newtrali u imparzjali.

85 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-esperjenza ta' tali persuna, speċjalizzata fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet diġitali, u li hija deskritta bħala li topponi għar-reġim Iranjan mir-rikorrenti stess, hija rilevanti sabiex tagħti opinjoni utli dwar il-mod li bih l-awtoritajiet Iranjani jistgħu jużaw sistema bħal dik deskritta fl-artiklu ta' *The Intercept* biex jippreġudikaw l-imsemmija drittijiet.

86 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-artiklu ppubblikat fis-sit ta' *The Intercept* ma huwiex limitat għall-formulazzjoni ta' sempliċi allegazzjonijiet u lanqas għar-riproduzzjoni tal-opinjoni ta' esperti, iżda jsostni l-allegazzjonijiet u l-opinjonijiet tiegħu bi tqegħid għad-dispożizzjoni tal-manwal ta' użu tas-software SIAM redatt bl-Ingliż, li huwa jippermetti li jiġi kkonsultat direttament f'tieqa ta' viżwalizzazzjoni, u tat-tieni manwal redatt bil-Farsi li fuqu jidher il-logo tar-rikorrenti.

87 Barra minn hekk, fir-rigward ta' artikli oħra li jinsabu fil-fajl WK 307/2023 INIT, għandu jiġi rrilevat li s-sit internet Commrisk, li huwa deskritt bħala "sit internet li jagħti rendikont tar-riskji li jaffaċċjaw il-forniturі ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u l-klijenti tagħhom", u *The Tech Monitor*, li huwa deskritt bħala li jipprovdi "informazzjoni bbażata fuq data u analiżi awtorevoli għall-kapijiet ta' impriżi, għall-mexxejja diġitali u għall-mexxejja politiċi f'dinja affettwata u ispirata mit-teknoloġija", huma media speċjalizzata fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet u li l-assoċjazzjoni ARTICLE 19, ibbażata f'Londra (ir-Renju Unit), hija deskritta bħala "organizzazzjoni internazzjonali ta' riflessjoni li ssostni l-moviment favur il-libertà ta' espressjoni fil-livell lokali u mondjali sabiex tiżgura li l-individwi kollha jużaw is-setgħa ta' leħinhom", b'tali mod li dawn għandhom jitqiesu bħala sorsi ta' informazzjoni rilevanti fl-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni mal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari, id-dritt għal-libertà ta' espressjoni.

88 Minkejja li l-artiklu ta' Commrisk, ARTICLE 19 u *The Tech Monitor*, jirreferu t-tlieta li huma għall-artiklu ta' *The Intercept*, l-artiklu ta' Commrisk jistabbilixxi wkoll l-esperjenza tal-awtur tiegħu li kien iltaqa' mar-rappreżentant ta' kumpannija teknoloġika li kienet qiegħda tipprova tbigħ lill-Iran software li għandu funzjonijiet "sorprendentement simili" għal dawk tas-software SIAM u li kien ipprovdielu b'mod volontarju informazzjoni fir-rigward ta' dan il-bejgħ.

89 Barra minn hekk, mill-artiklu tal-assoċjazzjoni ARTICLE 19 jirriżulta li din tal-aħħar issorveljat il-portata tal-kontrolli eżerċitati fuq l-internet fl-Iran għal diversi snin u li hija żvelat, f'rapport intitolat "Iran Tightening the Net 2020", il-funzjonament tal-infrastruttura tal-internet f'dan il-pajjiż u l-governanza tiegħu mill-awtoritajiet. B'mod partikolari, teżisti sistema ċċentralizzata li tippermetti l-qtugħ tal-aċċess għall-internet waqt protesti li matulhom il-governanza tal-internet tkun ikkunsidrata bħala kwistjoni ta' sigurtà nazzjonali. L-assoċjazzjoni ARTICLE 19 skopriet li r-rikorrenti, taħt il-kontroll tal-Ministeru għall-Komunikazzjoni, li fir-realtà huwa kkontrollat mis-servizzi tal-intelliġenza Iranjani, implimentat tagħmir ta' sorveljanza u ta' ċensura fil-livell tal-forniturі ta' aċċess għall-internet u ordnat qtugħ u ostakoli oħra għall-aċċess għall-internet

f'isem il-Kunsill Suprem Nazzjonali ta' Sigurtà. L-artiklu tal-assoċjazzjoni ARTICLE 19 jistabbilixxi wkoll l-użu mill-awtoritajiet Iranjani ta' teknoloġiji li jimblokkaw l-użu ta' għodda li jippermettu li tiġi evitata ċ-ċensura tal-internet, bħan-networks privati virtwali (VPN), kif ukoll qtugħ jew tfixkil qawwi tal-konnessjonijiet tal-internet ċellulari bħala tattiki ta' repressjoni diġitali. Għalhekk, il-qtugħ ta' aċċess għall-internet ċellulari kien dejjem użat iktar u iktar sa minn Novembru 2019. Tali qtugħ kien partikolarment użat matul il-protesti reġjonali mill-2021 sal-lum. Għalhekk huwa indikat li l-konnessjonijiet tal-internet ċellulari kienu diżattivati f'diversi postijiet fil-parti l-kbira tal-ġranet wara l-protesti li segwew il-mewt ta' M. Amini. Dan il-qtugħ kien affettwa l-ikbar fornituri ta' aċċess għall-internet ċellulari fil-pajjiż kollu, li f'pajjiż fejn l-internet ċellulari jikkostitwixxi s-sors ewlieni ta' aċċess għall-internet mill-popolazzjoni, kellu impatt negattiv fuq l-aċċess għall-internet.

90 Għalhekk, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-allegazzjonijiet magħmula fl-artiklu ta' *The Intercept* huma kkorroborati mill-provi l-oħra kontenuti fil-fajl WK 307/2023 INIT u li, konsegwentement, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, il-Kunsill ma bbażax ruħu biss fuq l-allegazzjonijiet magħmula f'dan l-artiklu. Għalhekk, fid-dawl tal-konkordanza ta' provi differenti u taċ-ċirkustanzi fuq imsemmija li saru fihom, l-imsemmija allegazzjonijiet jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod validu.

Fuq il-fondatezza tal-inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti

91 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li minkejja li r-rikorrenti targumenta li l-Kunsill wettaq f'dan il-każ "żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti", l-argumenti li hija tressaq f'dan ir-rigward għandhom jitqiesu li jikkonsistu f'kontestazzjoni tal-eżattezza materjali tal-fatti allegati kontriha. Fil-fatt, mill-argument tagħha mressaq insostenn ta' dan il-motiv, imfakkar fil-punt 42 iktar 'il fuq, jirriżulta li r-rikorrenti ma tikkontestax li l-fatti allegati kontriha jistgħu jkunu koperti mill-kriterji ta' inklużjoni previsti fl-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament Nru 359/2011, iżda r-realtà tal-imsemmija fatti.

92 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 62 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni jimplika verifika tal-fatti allegati fl-espożizzjoni tal-motivi li hija bbażata fuqhom id-deċiżjoni li tadotta miżuri restrittivi li jirrigwardaw entità u li din il-verifika ma għandhiex tkun limitata għall-evalwazzjoni tal-astratt verosimili tal-motivi invokati, iżda tirrigwarda l-kwistjoni jekk dawn il-motivi, jew tal-inqas, wieħed minnhom ikkunsidrat bħala suffiċjenti fih innifsu sabiex isostni din l-istess deċiżjoni, humiex sostnuti.

93 L-evalwazzjoni tal-fondatezza ta' dawn il-motivi għandha ssir billi jiġu eżaminati l-provi u l-informazzjoni mhux b'mod iżolat, iżda fil-kuntest li jagħmlu parti minnu. Fil-fatt, il-Kunsill jissodisfa l-oneru tal-prova meħtieġa min-naħa tiegħu jekk jistabbilixxi quddiem il-qorti tal-Unjoni sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn il-persuna suġġetta għal miżura restrittiva u r-reġim jew, b'mod ġenerali, is-sitwazzjonijiet miġġielda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Lulju 2017, Badica u Kardiam vs Il-Kunsill,T-619/15, EU:T:2017:532, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

94 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi vverifikat jekk il-Kunsill setax jikkunsidra ġustament, waqt l-adozzjoni tal-att ikkontestat, li r-rikorrenti setgħet tkun suġġetta għal miżuri restrittivi.

95 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Iranjan invokati mir-rikorrenti sabiex tiġġustifika li hija kienet legalment prekluża milli tissorvelja u tikkontrolla l-komunikazzjonijiet tal-utenti tan-networks ċellulari Iranjani, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 25 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, "[l]-ispezzjoni u n-nuqqas ta' kunsinna ta' ittri, ir-reġistrazzjoni u l-iżvelar ta' konverżazzjonijiet telefoniċi, l-iżvelar ta' komunikazzjonijiet telegrafiċi u telex, iċ-ċensura, […] is-smigħ klandestin u kull forma ta' sorveljanza huma pprojbiti, ħlief b'konformità mal-liġi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

96 L-Artikolu 582 tal-Kodiċi Kriminali Iranjan jipprovdi:

"Il-fatt li uffiċjal tal-Istat jew uffiċjal, f'każijiet minbarra dawk awtorizzati mil-liġi, jaċċedi għal, jissekwestra, jeqred, jispezzjona, jirreġistra jew jinterċetta ittri jew komunikazzjonijiet telegrafiċi jew telefoniċi ta' persuni, jew jiżvela l-kontenut tagħhom mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarju tagħhom, huwa punibbli bi priġunerija ta' sena sa tliet snin jew multa minn sitt miljuni sa tmintax-il miljun rial Iranjan." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

97 L-Artikolu 104 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali Iranjan jipprovdi:

"Il-kontroll [l-interċettazzjoni] tat-telekomunikazzjonijiet ta' individwi huwa pprojbit, ħlief fil-każijiet fejn huwa marbut mas-sigurtà interna jew esterna tal-pajjiż jew fejn huwa meqjus neċessarju għall-investigazzjoni tar-reati elenkati fl-Artikolu 302(a), (b), (c) u (d) ta' dan il-kodiċi. F'dan il-każ, l-interċettazzjoni titwettaq bl-approvazzjoni tal-President tal-Qorti Suprema tal-provinċja u d-determinazzjoni tat-tul u tal-frekwenza tal-interċettazzjoni. L-interċettazzjoni ta' konverżazzjonijiet telefoniċi ta' persuni u ta' uffiċjali elenkati fl-Artikolu 307 ta' dan il-kodiċi hija suġġetta għall-approvazzjoni tal-President tal-Qorti Suprema, u din l-awtorità ma tistax tiġi ddelegata lill-persuni oħra." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

98 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li minkejja li l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet hija bħala prinċipju, ipprojbita, madankollu tibqa' legalment possibbli, b'mod partikolari "fil-każijiet fejn [hija marbuta] mas-sigurtà interna jew esterna tal-pajjiż jew fejn [hija meqjusa neċessarja] għall-investigazzjoni [ta' ċerti reati]" jew meta "il-kawża hija marbuta mas-sigurtà tal-pajjiż". Barra minn hekk, f'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li l-każijiet li fihom l-interċettazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet hija legalment possibbli huma stabbiliti b'mod wiesa' ħafna.

99 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li t-teżi tar-rikorrenti hija kkontradetta wkoll mill-manwal ta' użu tas-software SIAM redatt bl-Ingliż, li barra minn hekk hija ma tikkontestax l-awtentiċità tiegħu, li fih huwa indikat li, "[s]kont ir-regoli u r-regolamenti tar-[rikorrenti], l-operaturi kollha tat-telekomunikazzjonijiet għandhom jipprovdu [lilha] aċċess dirett għas-sistema tagħhom sabiex tanalizza (sic) l-informazzjoni tal-klijenti u temenda s-servizzi tagħhom permezz tas-servizz tal-internet".

100 It-tieni nett, fir-rigward tal-allegata inkapaċità teknika tar-rikorrenti li twettaq operazzjonijiet ta' sorveljanza u ta' kontroll fuq l-utenti tan-networks ċellulari Iranjani, bilfors għandu jiġi kkonstatat li dan ma huwiex il-każ.

101 Għalhekk, għandu jiġi enfasizzat li r-rikorrenti ma tikkontestax l-eżistenza tas-software SIAM, u lanqas tal-kmandi "Force2GNumber", "LocationCustomerList", "GetCDR", "GetIPDR" u "ApplySusplp" jew tas-sistemi "Legal Intercept" (LI), "Control Illegal Devices" (CID), "SHAHKAR" u "SHAMSA". Ir-rikorrenti lanqas tikkontesta l-fatt li hija tuża s-software SIAM kif ukoll l-imsemmija sistemi. Ir-rikorrenti lanqas ma tikkontesta l-awtentiċità tal-iskambji ta'

messaġġi elettroniċi bejn id-diriġenti tagħha u l-operatur ċellulari Iranjan imsemmi fl-artiklu ta' *The Intercept*, u lanqas dik tal-manwali ta' użu tas-software SIAM, l-ewwel wieħed redatt bl-Ingliż u t-tieni wieħed bil-Farsi.

102 Fil-fatt, ir-rikorrenti targumenta biss, minn naħa, li l-użu ta' dawn il-kmandi jew ma jipproduċix l-effett deskritt mill-Kunsill jew jissodisfa għan leġittimu, u min-naħa l-oħra, li s-sistemi "Legal Intercept" (LI), "Control Illegal Devices" (CID), "SHAHKAR" u "SHAMSA" huma komuni fil-parti l-kbira tal-Istati.

103 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li huwa indikat fil-manwal ta' użu tas-software SIAM redatt bl-Ingliż li, "[s]kont ir-regoli u r-regolamenti tar-[rikorrenti], l-operaturi kollha tat-telekomunikazzjonijiet għandhom jipprovdu [lilha] aċċess dirett għas-sistema tagħhom sabiex tanalizza (sic) l-informazzjoni tal-klijenti u temenda s-servizzi tagħhom permezz tas-servizz tal-internet".

104 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, skont it-traduzzjoni Franċiża pprovduta mill-Kunsill, fl-introduzzjoni tal-manwal ta' użu tas-software SIAM redatt bil-Farsi huwa indikat li l-għan ta' dan is-software huwa li "joħloq sistema ċċentralizzata, unika u unita sabiex isiru talbiet mingħand servers differenti" u li "jippermetti l-ġestjoni u l-kontroll fuq il-komunikazzjonijiet u fuq l-azzjoni tal-utenti".

105 Barra minn hekk, fil-parti "Prinċipji ta' komunikazzjoni" ta' dan l-istess manwal huwa indikat li "l-parametri ta' input jinsabu fl-informazzjoni mibgħuta mis-software SIAM fir-rigward ta' kull metodu (funzjoni) ta' talba lill-operatur u [li] l-parametri ta' output huma d-data bi tweġiba għat-talba (u l-kmand tal-klassifikazzjoni tagħha) [u li l-]operaturi għandhom jibagħtu lis-SIAM it-tweġiba għal kull funzjoni mitluba preċiżament skont il-kmand u l-kompożizzjoni deskritti fil-parti ddedikata għall-parametri ta' output tal-imsemmija funzjoni".

106 Barra minn hekk, huwa ppreċiżat, dejjem f'dan il-manwal, li l-operaturi għandhom "iwieġbu lejl u nhar (7x24) għat-talbiet tas-software SIAM" u jiżguraw li "it-tagħmir kollu neċessarju fil-qasam tal-kompjuter, tas-software, tal-komunikazzjoni ta' network u tas-sigurtà bħar-redondanza tad-data (Redundancy), it-tqassim tal-piż (Road Balancing), il-protezzjoni (Firewall) u l-ħtiġijiet l-oħra kollha jkunu ssodisfatti".

107 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li l-kmandi tas-software SIAM huma indirizzati lill-operaturi ċellulari Iranjani kollha u li dawn huma marbutin iwieġbu għalihom kif meħtieġ f'kull waqt.

108 Huwa fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet li għandhom jiġu evalwati l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-kmandi tas-software SIAM u s-sistemi "Legal Intercept" (LI), "Control Illegal Devices" (CID), "SHAHKAR" u "SHAMSA".

109 Għalhekk, fir-rigward tal-kmand "LocationCustomerList", ir-rikorrenti ssostni li dan ma jippermettix li jiġi segwit bi preċiżjoni utent ta' network ċellulari partikolari peress li jippermetti biss l-identifikazzjoni tal-utenti ta' network ċellulari f'żona ta' bejn 200 metru u 2 kilometri madwar antenna relay GSM. Madankollu, bilfors għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti tammetti li dan il-kmand jippermetti l-identifikazzjoni tal-utenti kollha ta' network ċellulari li jinsabu f'ċerta żona ġeografika, anki jekk din hija approssimattiva. Barra minn hekk, huwa dan li jirriżulta mid-deskrizzjoni ta' dan il-kmand fil-manwal ta' użu tas-software SIAM redatt bl-Ingliż, li fih huwa indikat li "din il-funzjoni, li tirċievi parametru ta' post, għandha tipprovdi lista ta' numri li

jinsabu f'dan il-post". Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li mill-manwal redatt bil-Farsi jirriżulta li l-kmand "IdentitySearch" jimponi lill-operaturi jibagħtu r-riżultati taħt il-forma ta' "tabella" li fiha jiġu indikati, għal dak li jirrigwarda l-persuni fiżiċi, in-numru tat-telefon, l-isem, il-kunjom, l-isem tal-missier, in-numru tal-att tat-twelid, id-data tat-twelid, il-kodiċi postali, in-nazzjonalità, in-numru tal-passaport, l-indirizz jew l-indirizzi postali, it-tip ta' ħlas (minn qabel/ħlas wara), it-tip ta' linja (SIM kard jew oħrajn), id-data tal-għoti, l-indirizz IP kif ukoll il-lonġitudni ġeografika u l-latitudni ġeografika tal-indirizz.

110 Fir-rigward tal-kmand "Force2GNumber", ir-rikorrenti ssostni li, għall-kuntrarju ta' dak li jargumenta l-Kunsill, dan ma jżidx ir-riskji ta' piraterija tal-komunikazzjonijiet. Madankollu, kif ġustament josserva l-Kunsill, il-fatt, preżunt li seħħ, li dan il-kmand ma jżidx ir-riskju ta' piraterija ma jikkontestax il-konstatazzjoni li tali kmand, intiż sabiex jisforza telefon ċellulari juża n-network 2G minflok 3G u 4G iktar reċenti, għandu l-effett li jirrendi impossibbli li wieħed jara u jaqsam videos minn dan it-telefon ċellulari.

111 Fir-rigward tal-kmandi "GetCDR" u "GetIPDR", ir-rikorrenti ssostni li dawn iservu, l-ewwel wieħed għall-konsultazzjoni tal-istorja ta' telefon ċellulari, u t-tieni wieħed, sabiex jinkiseb l-indirizz IP tal-apparat li fih kienet attivata ċertu tip ta' SIM kard. Skont ir-rikorrenti, dawn il-funzjonijiet iservu esklużivament sabiex jissodisfaw talbiet ta' istruttorji ġudizzjarji u huma għodda essenzjali għad-dispożizzjoni tal-qrati, kif jixhdu d-digrieti ġudizzjarji u l-ittri tal-pulizija annessi mar-replika. Madankollu, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma tipprovdi ebda prova ta' natura li turi li dan il-kmand jista' jintuża biss għar-risposta għal talbiet leġittimi tal-qrati Iranjani u tal-awtoritajiet tal-pulizija. Min-naħa l-oħra, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 98 iktar 'il fuq, il-każijiet li fihom l-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet hija legalment possibbli huma ddefiniti b'mod wiesa' ħafna.

112 Fir-rigward tal-kmandi "ApplySusp" u "ApplySuspIP", ir-rikorrenti ssostni li dawn jippermettu li SIM kards iddikjarati mitlufa jew misruqa mill-utenti jew li jappartjenu lil persuni ddikjarati mejta jiġu blokkati. Ir-rikorrenti tenfasizza li din il-kapaċità hija pjuttost klassika u paragunabbli għal dik ta' korpi regolatorji fi Stati oħra bħall-Ġermanja. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mir-rapport intitolat "Iran: informazzjoni dwar il-kapaċità ta' sorveljanza tal-Gvern u l-kontroll li jeżerċita, inkluż dwar iċ-ċensura tal-media u s-sorveljanza tal-użu tal-internet", ippubblikat fis-16 ta' Jannar 2015 mill-Kummissjoni tal-Immigrazzjoni u tal-Istatus ta' Refuġjat tal-Kanada (Anness B.8), mir-rapport ippubblikat mill-Amnesty International fis-16 ta' Novembru 2020 fir-rigward tal-protesti ta' Novembru 2019 fl-Iran u l-qtugħ tal-internet (Anness B.10) kif ukoll mir-rapport ippubblikat mill-aġenzija tal-aħbarijiet Human Rights Activists News Agency (HRANA) fit-8 ta' Diċembru 2022, li jinkludi eżami statistiku, analiżi u sinteżi tal-ewwel 82 ġurnata ta' protesti u li jindika n-numru stmat ta' mwiet u arresti (Anness B.3), u mir-rapport tal-2022 iddedikat għal-libertà fuq l-internet fl-Iran ippubblikat minn Freedom House (Anness B.6) jirriżulta li l-kuntest fl-Iran huwa mmarkat minn kontestazzjonijiet regolari tas-sistema mill-popolazzjoni ċivili, sistematikament repressa mill-awtoritajiet ta' dan il-pajjiż, b'mod partikolari, permezz ta' mezzi ta' sorveljanza tal-internet. F'dawn il-kundizzjonijiet, ma jistax jiġi eskluż, kif josserva l-Kunsill, li l-kmandi intiżi oriġinarjament għall-finijiet "legali", bħall-"ApplySusp" u "ApplySuspIP", ikunu użati ħażin mill-awtoritajiet Iranjani għall-finijiet repressivi.

113 Fir-rigward tal-komponenti funzjonali tas-sistema ta' interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet fl-Iran, ir-rikorrenti tippreċiża li s-sistema "SHAHKAR" hija sempliċement network ta' verifika tal-identità tal-utent ta' komunikazzjonijiet fil-mument tal-allokazzjoni tas-SIM kard tiegħu bil-għan li jiġi evitat il-frodi. Skont ir-rikorrenti, din is-sistema tiġbor l-informazzjoni dwar

l-individwu li lilu tappartjeni kull SIM kard jew linja fissa u toħloq database użata għall-ġlieda kontra l-frodi, il-fastidju u attivitajiet kriminali oħra analogi. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti tispjega wkoll li din is-sistema tippermetti, b'mod partikolari, lill-operaturi ċellulari Iranjani li jivverifikaw l-identità tal-utenti tas-servizzi ta' komunikazzjoni. Issa, kif ġie kkonstatat fil-punt 107 iktar 'il fuq, il-kmandi tas-software SIAM huma indirizzati lill-operaturi ċellulari Iranjani kollha u dawn huma obbligati jwieġbu bil-mod preskritt f'kull mument u joffru lis-software SIAM aċċess permanenti għad-data li huma għandhom dwar l-utenti. Minn dan isegwi li l-ispjegazzjoni pprovduta mir-rikorrenti ma hijiex ta' natura li teskludi d-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li s-sistema "SHAHKAR" tikkostitwixxi komponent funzjonali tas-sistema ta' interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet tal-awtoritajiet Iranjani.

114 Fir-rigward tas-sistema "SHAMSA", ir-rikorrenti tikkontesta li din hija "pjattaforma ta' ġbir ta' data vokali u SMS bi kwantità (CDR) u ta' data IP (IPDR)" kif jargumenta l-Kunsill. Skont ir-rikorrenti, dan huwa sempliċement "network jew kanal ta' komunikazzjoni bejn[ha] u l-operaturi [ċellulari], li permezz tiegħu dawn tal-aħħar jinteraġixxu billi jdaħħlu kodiċi u kmandi". Madankollu, mill-ġdid, fid-dawl, minn naħa, tal-konstatazzjoni magħmula fil-punt 107 iktar 'il fuq li l-kmandi tas-software SIAM huma indirizzati lill-operaturi ċellulari Iranjani kollha u li dawn huma marbuta jwieġbu bil-mod meħtieġ f'kull waqt, u min-naħa l-oħra, tal-indikazzjoni fil-werrej tal-manwal ta' użu tas-software SIAM redatt fil-Farsi, skont it-traduzzjoni Franċiża pprovduta mill-Kunsill, ta' kmand intiż għat-trasferiment ta' SMS lejn numru, l-ispjegazzjoni pprovduta mir-rikorrenti ma hijiex wisq konvinċenti.

115 Fir-rigward tas-sistema "CID", ir-rikorrenti targumenta li din tippermetti t-tqabbil tan-numru tal-apparat, tan-numru tat-telefon ċellulari u tan-numru tas-SIM kard. Il-funzjoni ta' din is-sistema hija sempliċement l-identifikazzjoni u l-istħarriġ ta' legalità tal-importazzjoni fl-Iran ta' telefons ċellulari u ta' apparat elettroniku li jista' jieħu SIM kard sabiex imbagħad din l-informazzjoni tiġi kkomunikata lill-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet. Għal darba oħra, lil hinn mill-għan leġittimu marbut ma' din is-sistema, għandu jitfakkar li ġie kkonstatat li l-operaturi ċellulari Iranjani huma marbuta jagħtu lir-rikorrenti, permezz tas-software SIAM, aċċess permanenti għall-informazzjoni li huma għandhom dwar l-utenti tagħhom, b'tali mod li r-rikorrenti tista' hekk taċċedi għad-data miġbura mis-sistema "CID".

116 Fl-aħħar nett, fir-rigward tas-sistema "LI", ir-rikorrenti tammetti li din hija sistema ta' sigurtà li tippermetti li operatur ta' network jintalab jiġbor u jipprovdi lill-forzi tal-ordni komunikazzjonijiet interċettati ta' individwi jew organizzazzjonijiet. Ir-rikorrenti tenfasizza li din is-sistema hija strettament limitata bid-dispożizzjonijiet tad-dritt Iranjan applikabbli. Madankollu, kif ġie kkonstatat fil-punt 98 iktar 'il fuq, mid-dispożizzjonijiet tad-dritt Iranjan invokati mir-rikorrenti stess, jirriżulta li l-każijiet li fihom l-interċettazzjonijiet ta' telekomunikazzjonijiet huma legalment possibbli huma ddefiniti b'mod wiesa' ħafna.

117 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 95 sa 115 iktar 'il fuq, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kunsill stabbilixxa quddiem il-Qorti Ġenerali sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn ir-rikorrenti u s-sitwazzjoni miġġielda f'dan il-każ, jiġifieri r-repressjoni eżerċitata mill-awtoritajiet Iranjani kontra d-dimostranti paċifiċi, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, studenti u persuni oħra li jesprimu ruħhom sabiex jiddefendu d-drittijiet leġittimi tagħhom.

118 Għalhekk, l-ilmenti tar-rikorrenti bbażati fuq l-ineżattezza materjali tal-fatti għandhom jiġu miċħuda.

119 Minn dan isegwi li t-tielet motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat kollu kemm hu.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

120 Ir-rikorrenti targumenta li l-miżuri restrittivi li għalihom hija suġġetta minħabba l-inklużjoni tagħha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 imorru kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

121 F'dan is-sens, l-ewwel nett, ir-rikorrenti targumenta li s-"sanzjonijiet internazzjonali" meħuda fil-passat fil-konfront tal-Iran kienu wasslu għaż-żamma ta' għodda partikolarment utli għaliha, li waħda minnhom tintuża sabiex tiġi evitata s-sovrappożizzjoni tal-frekwenzi Iranjani għal dawk ta' Stati viċini, u l-oħra, il-*Location Based System*, għal-lokalizzazzjoni preċiża ta' apparat konness. Barra minn hekk, is-sanzjonijiet imposti llum fuq l-Iran jipprekludu lir-rikorrenti milli tissodisfa r-rwol tagħha ta' regolatur tal-frekwenzi u tiżgura l-funzjonament tajjeb tan-network ta' telekomunikazzjonijiet nazzjonali.

122 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li, is-"sanzjonijiet" jipprekluduha milli tagħmel parti mill-Global System for Mobile Communications Association (GSMA) u li għalhekk hija ma tistax tuża r-reġistru tal-GSMA sabiex tipprekludi l-apparat kontrafatt u illegali milli jissewwa. Minn dan jirriżultaw diversi konsegwenzi dannużi, fosthom, b'mod partikolari, l-impossibbiltà tal-Iran li tikkumbatti l-frodi, il-ħolqien ta' suq parallel ta' telefons ċellulari misruqa jew anki l-inkapaċità li tagħti lura t-telefons ċellulari misruqa lill-proprjetarji tagħhom.

123 Il-Kunsill jikkontesta l-argument tar-rikorrenti.

124 Għandu jitfakkar li, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jifforma parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, il-legalità tal-projbizzjoni ta' attività ekonomika hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-miżuri ta' projbizzjoni jkunu adegwati u neċessarji sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimament mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u dan dejjem bil-kundizzjoni li, meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri adegwati, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva u li l-inkonvenjenzi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, T-35/10 u T-7/11, EU:T:2 013:397, punt 179 u l-ġurisprudenza ċċitata).

125 Barra minn hekk, minkejja li r-rispett tad-drittijiet fundamentali jikkostitwixxi kundizzjoni tal-legalità tal-atti tal-Unjoni, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li dawn id-drittijiet fundamentali, fid-dritt tal-Unjoni, ma jgawdux minn protezzjoni assoluta, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni skont il-funzjoni tagħhom fis-soċjetà. Għaldaqstant, jistgħu jsiru restrizzjonijiet għall-użu ta' dawn id-drittijiet, bil-kundizzjoni li dawn ir-restrizzjonijiet effettivament jissodisfaw l-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni u ma jammontawx, fir-rigward tal-għan li jrid jintlaħaq, għal intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza fiha nnifisha tad-dritt hekk iggarantit (ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2013, Makhlouf vs Il-Kunsill, T-383/11, EU:T:2013:431, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza tas-16 ta' Jannar 2019, Haswani vs Il-Kunsill, T-477/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:7, punt 74).

126 F'dan il-każ, għandu jiġi enfasizzat li r-rikorrenti ma tressaq ebda argument ta' natura li juri li l-miżuri restrittivi previsti mir-Regolament Nru 359/2011 u li għalihom hija suġġetta minħabba l-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat ma għandhomx għan leġittimu jew ma humiex neċessarji u lanqas xierqa sabiex jintlaħaq dan l-għan. Fil-fatt, hija targumenta biss, essenzjalment, li

s-sanzjonijiet internazzjonali li għalihom kien suġġett l-Iran fil-passat kellhom konsegwenzi sfavorevoli fuq il-kapaċità tagħha li twettaq il-missjonijiet tagħha, mingħajr ma tistabbilixxi rabta neċessarja mal-miżuri previsti mir-Regolament Nru 359/2011.

127 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li wieħed mill-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 359/2011, kif jirriżulta, essenzjalment, mill-premessi 1 u 2 tiegħu, jikkonsisti fl-eżerċizzju ta' pressjoni, bl-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi tagħhom, kontra persuni u entitajiet responsabbli għall-ordni jew l-implimentazzjoni ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran permezz ta' atti ta' repressjoni kontra dimostranti paċifiċi, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, studenti jew persuni oħra li jesprimu ruħhom b'difiża għad-drittijiet leġittimi tagħhom, inkluż id-dritt għal-libertà ta' espressjoni.

128 Bilfors għandu jiġi kkonstatat li tali għan jikkorrispondi għal għan leġittimu tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), jiġifieri l-konsolidazzjoni u s-sostenn tad-demokrazija, l-Istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, previsti fl-Artikolu 21(2)(b) TUE.

129 Barra minn hekk, il-miżuri restrittivi previsti mir-Regolament Nru 359/2011 ma jistgħux jiġu kkunsidrati inadegwati fir-rigward tar-rwol ċar li għandha r-rikorrenti fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-Gvern Iranjan fir-rigward tal-iffiltrar tal-kontenut tal-internet permezz tas-software ta' spjunaġġ SIAM, kif jirriżulta mill-eżami tat-tielet motiv.

130 Barra minn hekk, dawn il-miżuri għandhom jiġu kkunsidrati neċessarji peress li, kif ġustament jirrileva l-Kunsill, ma ġietx ipprodotta prova li miżuri alternattivi u inqas vinkolanti bħal sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel jew obbligu ta' ġustifikazzjoni *a posteriori* tal-użu tal-fondi mħallsa kienu jippermettu li l-għan imfittex jintlaħaq xorta b'mod effettiv.

131 Għalhekk, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ewwel motiv ibbażat, essenzjalment, fuq użu ħażin ta' poter

132 Ir-rikorrenti targumenta li minkejja li l-kompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta r-Regolament ikkontestat ma hijiex ikkontestata, l-imsemmi regolament huwa vvizzjat b'eċċess ta' poter tal-Kunsill sa fejn jikkonċernaha. Fil-fehma tagħha, dan l-eċċess ta' poter jirriżulta mill-fatt li r-raġuni vera li wasslet lill-Kunsill jinkludi isimha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 kienet li jintlaħaq l-Istat Iranjan.

133 Għalhekk, il-Kunsill ma ssanzjonax lir-rikorrenti minħabba l-attività tagħha, kif kien indikat b'mod falz fir-Regolament ikkontestat, iżda sempliċement minħabba n-natura governattiva tagħha li tirriżulta mill-affiljazzjoni tagħha mal-Ministeru għall-Komunikazzjoni, bħal f'kull pajjiż ieħor. Billi ssuġġetta lir-rikorrenti għall-miżuri restrittivi previsti fir-Regolament Nru 359/2011, il-Kunsill ried jissanzjona l-affiljazzjoni tagħha u għalhekk jipparalizza l-Gvern Iranjan.

134 Skont ir-rikorrenti, b'konformità mal-ġurisprudenza, minkejja li l-istatus legali ta' persuna prevista mill-miżuri restrittivi jew ir-rabta legali jew ekonomika tagħha mal-gvern ta' pajjiż jistgħu jikkostitwixxu indizju li jista' joħloq suspett f'għajnejn il-Kunsill, dawn ma jistgħux, waħedhom, jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' tali miżuri.

135 L-identità ta' persuni oħra inklużi fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 turi wkoll in-natura eċċessiva tal-inklużjoni tar-rikorrenti fl-imsemmi anness.

136 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tenfasizza l-mimetiżmu bejn il-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill u s-sanzjonijiet adottati mill-Office of Foreign Assets Control, li juri riżentiment politiku fir-rigward tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.

137 Il-Kunsill jikkontesta l-argument tar-rikorrenti.

138 Għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, att huwa vvizzjat b'użu ħażin ta' poter jekk jidher, fuq bażi ta' evidenza oġġettiva, rilevanti u konsistenti, li ttieħed bl-għan esklussiv, jew tal-inqas determinanti, li jilħaq għanijiet differenti minn dawk indikati jew li jevadi l-proċedura speċifikament indikata fit-Trattat sabiex jiġu ttrattati ċ-ċirkustanzi tal-każ (ara s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2019, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill, C-225/17 P, EU:C:2019:82, punt 115 u l-ġurisprudenza ċċitata).

139 F'dan il-każ, ir-rikorrenti targumenta li l-Kunsill inkluda isimha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 sempliċement minħabba n-natura governattiva tagħha li tirriżulta mill-affiljazzjoni tagħha mal-Ministeru għall-Komunikazzjoni u mhux minħabba l-attività proprja tagħha.

140 Madankollu, mill-eżami tat-tieni motiv (ara l-punti 25 sa 34 iktar 'il fuq), jirriżulta li l-inklużjoni ta' isimha fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 permezz tar-Regolament ikkontestat ma kinitx immotivata biss mill-affiljazzjoni tagħha mal-Ministeru għall-Komunikazzjoni, iżda essenzjalment bl-implimentazzjoni tagħha tar-rekwiżiti tal-Gvern Iranjan fir-rigward tal-iffiltrar tal-kontenut tal-internet permezz tas-software ta' spjunaġġ SIAM, u b'mod partikolari, billi użat il-kontroll tagħha tal-aċċess tal-internet u tat-telefons ċellulari biex issegwi lid-dimostranti u toħloq stampa ddettaljata tal-attivitajiet tad-dissidenti u tad-dimostranti, li l-awtoritajiet użaw kif riedu waqt il-protesti tal-2022 wara l-mewt ta' M. Amini.

141 Barra minn hekk, mill-eżami tat-tielet motiv jirriżulta li r-raġunijiet invokati mill-Kunsill sabiex jiġġustifika l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 permezz tar-Regolament ikkontestat kienu bbażati fuq bażi fattwali suffiċjentement solida.

142 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma ssostnix kif il-fatt li isem persuni oħra fl-Anness I tar-Regolament Nru 359/2011 li fir-rigward tagħhom hija stess tippreċiża li ma tridx tikkummenta jew il-fatt li l-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika kienu ddeċidew ukoll li jadottaw miżuri restrittivi fil-konfront tagħha, huma rilevanti sabiex juru li f'dan il-każ, il-Kunsill wettaq użu ħażin ta' poter, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 138 iktar 'il fuq.

143 Għalhekk, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat, u għalhekk, ir-rikors kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

144 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. F'dan il-każ, peress li r-rikorrenti tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tal-Kunsill, b'konformità mat-talbiet tiegħu.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Communications Regulatory Authority (CRA) hija kkundannata għall-ispejjeż.

Costeira Kancheva Öberg

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-16 ta' Ottubru 2024.

Firem